MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2005

Appell Kriminali Numru. 188/2004

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Caruana**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Caruana talli fit-28 ta' Settembru 1998 ghall-habta ta. 00.30 a.m. f'Misrah is-Summit, B'Bugia:

(1) Saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll ta' vettura Nru. TFC 752 fit-triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsur minhabba xorb jew drogi;

(2) Saq, ipprova jsuq jew kellu kontroll tal-vettura msemmija fit-triq jew f'post pubbliku wara li kkonsma tant alkohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mil-limitu preskritt;

(3) Irrifjuta jew naqas li jaghti skond il-ligi kampjun tan-nifs (it-tieni test);

(4) Saq l-imsemmija vettura kontra l-"one way traffic";

(5) B'manjera perikoluza;

(6) B'manjera traskurata; u

(7) Naqas li jobdi l-ordni legittima moghtija lilu mill-Pulizija.

Il-prosekuzzjoni talbet li jigu applikati l-provvedimenti ta' l-artikolu 15H tal-Kap. 65 u li jigi skwalifikat mil-licenzji tas-sewqan ghal perijodu ta' mhux anqas minn sitt xhur;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-17 ta' Settembru 2004 li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imputat hati tat-tieni, tal-hames, tas-sitt u tas-seba' imputazzjonijiet u minnhom illiberatu, izda sabitu hati ta' l-ewwel, tat-tielet u tar-raba' imputazzjonijiet u kkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' mitejn lira (Lm200) fuq l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet u ghall-hlas ta' multa ta' tletin lira (Lm30) fuq ir-raba' imputazzjoni, kif ukoll ordnat li jkollu l-licenzja tas-sewqan sospiza ghal tliet xhur mid-data tas-sentenza;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Joseph Caruana pprezentat fid-29 ta' Settembru 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi (a) tikkonfermaha in kwantu sabitu mhux hati tat-tieni, tal-hames, tas-sitt u tas-seba' imputazzjonijiet, (b) tirrevokaha in kwantu ghall-bqija billi tiddikjarah mhux hati ta' l-ewwel, tat-tielet u tar-raba' imputazzjonijiet u b'hekk tilliberah minn kull imputazzjoni u piena, u (c) subordinatament u bla pregudizzju ghat-talba precedenti, fil-kaz ta' konferma ta' htija *in toto* jew *in parte*, tapplika fil-konfront tieghu piena ehfef u aktar adattata u senjatament billi tnehhilu s-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan inflitta mill-ewwel Qorti;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Qabel xejn irid jigi osservat li meta din il-Qorti ezaminat is-sentenza appellata, irrizultalha li f'dik is-sentenza gie citat l-artikolu 15 tal-Kap. 65. L-imputat ma nstab hati ta' l-ebda imputazzjoni taht l-imsemmi artikolu. Dan ghalhekk ifisser li ma gewx citati l-artikoli tal-ligi skond l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali. Dan l-artikolu jipprovdi hekk:

**"Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat".**

Dan hu nuqqas ta' formalita` sostanzjali fis-sens tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 428 tal-Kodici Kriminali liema nuqqas, skond gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti, jista' jigi ssollevat mill-Qorti *ex officio* anke jekk l-appellant ma jilmentax min-nullita` tas-sentenza.[1]

Ghaldaqstant din il-Qorti qed thassar u tannulla s-sentenza appellata u, fit-termini ta' l-artikolu 428(3) tal-Kodici Kriminali, ser tghaddi biex tiddeciedi l-kawza fuq il-mertu.

Il-fatti huma semplici. Ghall-habta tan-nofs siegha ta' filghodu bejn is-27 u t-28 ta' Settembru 1998 l-appellant kien sejjer bil-vettura tieghu Ford Laser numru TFC 752 sabiex jixtri xi haga ta' l-ikel minghand Borda Take-Away li jinsab f'Misrah is-Summit, B'Bugia. Huwa ghadda kontra s-sinjal tat-traffiku sabiex ipparkja quddiem l-imsemmi hanut. Skond l-appellant dak il-hin ma kinux gejjin vetturi mill-faccata. Skond P.C. 588 kien hemm vettura gejja mid-direzzjoni opposta li kellha tirriversja. P.C. 1341 qal li l-appellant ma kienx f'sitwazzjoni li jsuq u ghalhekk gie deciz li jsirlu *breathalyser test*. It-*test* sar fl-ghassa ta'

[1] Ara per ezempju Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Anthony Zahra**, 26 ta' Mejju 1994, Vol. LXXVIII.v.244.

B'Bugia u kien jaqra 137mg/100ml. Huwa ttiehed id-Depot fejn irrifjuta li jaghti kampjun iehor tan-nifs.

Issa, l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant huma bazati fuq l-artikoli 15A(1) u 15B tal-Kap. 65 rispettivament. Skond is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 15E tal-Kap. 65, sabiex jigi deciz jekk persuna ghamlitx xi reat taht l-artikoli 15A u 15B, ufficjal tal-Pulizija jista' jehtieg li dik il-persuna taghti zewg kampjuni tan-nifs ghall-analizi permezz ta' strument approvat b'ordni tal-Ministru li jigi pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern. Ir-regolamenti in vigore meta sehh il-kaz in dizamina huma dawk kontenuti fl-Avviz Legali 129 ta' l-1998[2]. Din il-Qorti diversament presjeduta kellha dan xi tghid f'kaz iehor simili, u cioe` fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Etienne Turner** deciz fis-6 ta' Gunju 2003:

**"Kif din il-Qorti kellha l-okkazjoni li tfisser f'diversi sentenzi taghha (ara *Il-Pulizija v. Francis Pace* App. Krim. 2/9/1999; *Il-Pulizija v. Claire Falzon* App. Krim. 5/3/2001) ghall-fini tar-reat kontemplat fl-Artikolu 15A(1) jista' jittiehed in konsiderazzjoni anke r-rizultat tar-*roadside test* li flimkien ma' provi ohra jkunu juru lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li s-sewwieq ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb. Fil-kaz in dizamina din il-Qorti tara li fuq il-provi li rrizultaw l-ewwel qorti ma setghetx tillibera mill-ewwel imputazzjoni, imputazzjoni li tipotizza proprju r-reat kontemplat fl-imsemmi Artikolu 15A(1) tal-Kap. 65.**

**Kwantu ghat-tieni imputazzjoni … Kif tajjeb osserva l-abbli difensur tal-appellat fil-kors tat-trattazzjoni tieghu, is-subartikolu (5) tal-Artikolu 15E jipprovdi li *'l-analizi ta' xi kampjun …'* li jinghata skond id-disposizzjonijiet tal-imsemmi Artikolu 15E *'ghandu jsir f'laboratorju li jigi approvat b'ordni tal-Ministru li jigi pubblikat fil-Gazzetta [tal-Gvern]*.' Issa, fid-data tas-16 ta' Dicembru 2001 l-Avviz Legali relattiv (A.L. 129/1998) kien jipprovdi li tali analizi ghandha ssir fil-**

[2] Ir-regolamenti llum applikabbli huma dawk skond l-Avviz Legali 418 tas-sena 2004 li rrevokaw ukoll l-Avviz Legali 129 tas-sena 1998.

**Laboratorju Forensiku fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija. L-analizi li ghamlet, permezz ta' l-istrument stabbilit, l-Ispettur Camilleri ma ghamlitux f'dan il-Laboratorju Forensiku izda f'kamra fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija (ossia d-Depot) li certament ma kinitx tifforma parti minn dan il-Laboratorju. Jigi rilevat ghal kull bwon fini li llum tali analizi trid isir fil-Laboratorju Nazzjonali ta' Malta, Evans Buildings, Triq Merkanti, Valletta…. Huwa veru li din il-Qorti (sedenti l-allura Imhallef P. Vella) fis-sentenza taghha tal-20 ta' Marzu 2000 fl-ismijiet *Il-Pulizija v. Mario Camilleri* kienet waslet ghall-konkluzjoni li s-subartikolu (5) tal-Artikolu 15E kien jirreferi biss ghall-analizi tal-kampjuni tad-demm u ta' l-urina. Din il-Qorti, kif issa komposta, ma tistax taqbel ma' dik id-decizjoni. Huwa veru li l-paragrafi (a) u (b) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 15E donnhom jaghmlu distinzjoni bejn il-kampjuni tan-nifs (fejn jissemma' espressament l-istrument li bih dawn il-kampjuni ghandhom jigu analizzati) u l-kampjun tad-demm u z-zewg kampjuni ta' l-urina (fejn jinghad li dawn ghandhom jigu analizzati *'…fil-laboratorju…'*). Pero` jekk wiehed jara l-Avviz Legali relattiv, ir-regolamenti jissejhu proprju *'Regolamenti dwar Strumenti u Laboratorji ghat-Testijiet tan-Nifs'* (sottolinear tal-Qorti). Apparti li dawn ir-regolamenti kellhom proprjament jirreferu ghal 'analizi' u mhux 'testijiet', l-enfazi kjarament qieghda fuq 'in-nifs', u ghalhekk kwalsiasi dubbju li seta' kien hemm dwar jekk l-analizi taz-zewg kampjuni tan-nifs ghandhiex issir ukoll fil-laboratorju approvat mill-Ministru tnehha mill-istess legislatur. Konsegwentement l-analizi maghmula mill-Ispettur Camilleri f'dan il-kaz ma saritx skond il-ligi ghax ma saritx fil-post stabbilit mil-ligi."**

Mela kwantu ghall-ewwel imputazzjoni, ir-rizultat tat-test li sar lill-appellant fl-ghassa ta' B'Bugia jikkostitwixxi prova valida biex jigi determinat, flimkien mal-provi l-ohra relattivi, jekk kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb. U fil-fehma ta' din il-Qorti hemm provi sufficjenti li jwasslu lil din il-Qorti biex tghid li effettivament l-ewwel imputazzjoni tinsab debitament pruvata. Huwa veru li l-appellant fix-

xiehda tieghu, ghalkemm jghid li kien xorob, qal ukoll li ma kienx fis-sakra. Mill-banda l-ohra pero`, ix-xiehda tal-Pulizija u r-rizultat tal-*breathalyser test* iwasslu lil din il-Qorti ghall-konvinciment morali dwar il-htija ta' l-appellant skond l-ewwel imputazzjoni.

It-tieni imputazzjoni tiddependi minn analizi kif spjegat fil-bran fis-sentenza suriferita. Fil-kaz odjern ma sar l-ebda tali analizi u ghaldaqstant it-tieni imputazzjoni ma tirrizultax.

Wara li l-appellant ghamel il-*breathalyser test* fl-ghassa ta' B'Bugia, gie deciz li jittiehed id-Depot tal-Pulizija sabiex isirlu *test* iehor. Hemm huwa rrifjuta li jaghti kampjun iehor. Issa skond il-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 15E tal-Kap. 65, sabiex jigi deciz jekk persuna ghamlitx xi reat taht l-artikoli 15A u 15B ta' l-istess Kap. 65, ufficjal tal-Pulizija jista' jehtieg li dik il-persuna **"taghti zewg kampjuni tan-nifs ghall-analizi permezz ta' strument approvat b'ordni tal-Ministru li jigi pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern"**. Imbaghad skond is-subartikolu (4) ta' l-artikolu 15E tal-Kap. 65: **"Persuna li tirrifjuta jew tonqos milli taghti kampjun kif mahsub taht dan l-artikolu tkun hatja ta' reat"**. Galadarba l-appellant rrifjuta li jaghti kampjun, irrenda ruhu hati ta' reat skond l-imsemmija disposizzjoni tal-ligi. Ghalhekk it-tielet imputazzjoni tirrizulta debitament pruvata.

Mill-fatti aktar 'il fuq elenkati m'hemm l-ebda dubju li r-raba' imputazzjoni, cioe` dik li l-appellant saq kontra l-*one way traffic*, tirrizulta debitament pruvata. Izda dan jammonta wkoll ghal sewqan perikoluz jew traskurat fic-cirkostanzi? Fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud** deciz fis-6 ta’ Mejju 1997 (Vol. LXXXI.iv.157), din il-Qorti diversament presjeduta qalet:

**“<u>Sewqan traskurat</u> (*negligent driving*) hu kwalsiasi forma ta’ sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta’ sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta’ esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li**

**jincidu fuq il-mod jew il-kwalita` ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat. <u>Sewqan bla kont</u> hu deskritt fis-subartikolu (2) ta' 1-imsemmi artikolu 15 bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it--tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi 1-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. <u>Sewqan perikoluz</u> (*dangerous driving*) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta' taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita' ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan, f'liema kaz japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ghall-finijiet ta' piena l-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dak ta' sewqan perikoluz (ara *The Police vs Charlotte Chamberlain*, Appell Kriminali, 21/5/96)".**

U kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Mario Gellel** deciz fid-19 ta' Frar 2004:

**"...kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' 'degree' (App. Krim. *Pul. vs Charles Bartolo*, 14.3.59, *Pol. vs Wilson* [Vol. XXXIX iv. 1018] u *Pul. vs Alfred Vella* [Vol. XLIV, p. 933]) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta` taghhom (App. Krim. *Pul. vs Hardingham*, 19.10.1963). Gie wkoll ritenut li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' 'recklessness' (App. Krim. *Pul. vs Charles Farrugia* [Vol. XXXIX iv.9 78]). 'Recklessness' giet definita**

**bhala 'wilfully shutting one's eye' (App. Krim. *Pul. vs Joseph Aquilina,* 20.4.1963). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim. *Pul. vs Antonio Spiteri* [Vol. XLIV iv. 892])"..**

Fil-fehma ta' din il-Qorti, fid-dawl ta' dan kollu kif applikabbli ghall-kaz in ezami u fid-dawl tal-provi kif jirrizultaw mix-xiehda traskritta, ma gewx soddisfacentement pruvati la l-hames u lanqas is-sitt imputazzjonijiet. Biex ikun hemm sewqan perikoluz jew traskurat, irid ikun hemm aktar minn semplici sewqan kontra l-*one way* fil-post u fil-hin indikati f'dan il-kaz. Ghaldaqstant ir-raba' imputazzjoni tirrizulta debitament pruvata filwaqt li il-hames u s-sitt imputazzjonijiet ma jirrizultawx soddisfacentement pruvati.

L-ahhar imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, cioe` dik li l-appellant naqas li jobdi ordni legittima tal-Pulizija, tirrizulta wkoll pruvata peress illi, kif diga` ntqal, huwa rrifjuta ordni legittima tal-Pulizija sabiex jaghmel *test* iehor tan-nifs. Naturalment din l-imputazzjoni ghandha titqies assorbita fit-tielet imputazzjoni.

Kwantu ghall-piena, u specifikatament it-talba tal-prosekuzzjoni ghall-iskwalifika mil-licenzji tas-sewqan, l-appellant issottometta li xoghlu huwa ta' mekkanik u ghalhekk jehtieglu l-uzu ta' karrozzi, li huwa s-*sole breadwinner*, li bl-agir tieghu ma kkawza l-ebda incident, u li ma kienx hemm xi ripetizzjoni.

Din il-Qorti ma trid timminimizza bl-ebda mod reati bhal dawk in kwistjoni peress illi sfortunatament il-konsegwenzi dizastruzi li jista' jwassal ghalihom sewqan taht l-influwenza tax-xorb huma ben maghrufa. Izda kull kaz ghandu l-fattispecje tieghu. Difatti jirrizulta li dan il-kaz jirrisali ghat-28 ta' Settembru 1998, kwazi seba' snin ilu. Inoltre l-fedina penali aggornata ta' l-appellant tirrizulta ghal kollox netta. Huwa minnu wkoll li bis-sewqan tieghu l-appellant ma kkawza l-ebda incident. Barra minn dan, minhabba l-proviso tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 15H,

mhix applikabbli l-iskwalifika mil-licenzja tas-sewqan skond l-imsemmi subartikolu. Bhalma qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Francis Pace** deciz fit-2 ta' Settembru 1999:

**"Skond il-proviso tas-subartikolu (2) tal-Art. 15H, izda, l-iskwalifika tassattiva mil-licenzja tas-sewqan tapplika biss f'kaz li l-limitu preskritt ta' alkohol fin-nifs, demm jew urina jinqabez bil-mod kif indikat fl-istess proviso. Dan necessarjament ifisser li jrid ikun hemm l-analizi tal-kampjun relattiv mehud skond l-Artikolu 15E - li f'dan il-kaz ma kienx hemm. Minkejja dan, ir-reat taht l-Artikolu 15A jikkwalifika bhala reat li sar bl-uzu ta' vettura li ghaliha jehtieg licenzja skond il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 30 tal-Kodici Kriminali; konsegwentement qorti xorta wahda tista' (mhux "ghandha") tiskwalifika mil-licenzja tas-sewqan taht din id-disposizzjoni."**

Dan kollu japplika ghall-kaz in dizamina u fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz din il-Qorti hi tal-fehma li m'ghandhiex tiskwalifika lill-appellant mil-licenzja tieghu tas-sewqan.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi, wara li tannulla s-sentenza appellata ghar-ragunijiet fuq imsemmija, tiddeciedi l-kawza mill-gdid fil-mertu billi tiddikjara lill-appellant mhux hati tat-tieni, tal-hames u tas-sitt imputazzjonijiet u minnhom tilliberah, izda ssibu hati ta' l-ewwel, tat-tielet, tar-raba' u tas-seba' imputazzjonijiet b'dan li s-seba' imputazzjoni tinsab assorbita fit-tielet imputazzjoni u, wara li rat l-artikoli 15A, 15E, 15H u t-Tieni Skeda tal-Kap. 65, l-artikoli 17(f)(h) u 30 tal-Kap. 9, tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' tliet mitt liri Maltin (Lm300) dwar l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet u ghall-hlas ta' ammenda ta' ghoxrin liri Maltin (Lm20) dwar ir-raba' imputazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------